**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 120/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Emanuel Mangion**

Illum, 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Emanuel Mangion, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 301262M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-12 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta ta' bejn is-1:55pm u s-2:05pm ta' wara nofsinhar, fi Triq San Kalċidonju, Floriana:

1. Saq vettura Nru. GBM 389 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;
2. Saq vettura Nru. GBM 389 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' t-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar 2023, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni numru wieħed (1) peress illi ma tirriżultax, sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni (Kap. 104, Art. 3(1)) u kkundanatu jħallas multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400). *Inoltre*, il-Qorti swalifikatu ukoll milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax -il xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fis-16 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tikkonferma l-parti tas-sentenza appellata tal-31 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet "Pulizija vs Emanuel Mangion" fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabitu mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.
2. Tirrevoka l-parti tal-istess sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn sabitu ħati tat-tieni mputazzjoni dedotta kontrih.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar it-23 ta' Ġunju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu mqanqal l-appellant jikkritika l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, għaliex huwa tal-fehma illi l-Qorti ma setatx tkun moralment konvinta li kien hu li kien qiegħed isuq il-vettura in kwistjoni fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni. Jisħaq li l-imputazzjonijiet huma msejsin fuq akkużi foloz u invertijera tal-ex-mara tiegħu u li dak li qal PC 1118 m'għandux mis-sewwa.

Illi huwa prinċipju rassodat fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni qajla tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti, għalhekk, eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994;

Illi mill-provi kkumpilati jemerġi illi nhar it-12 ta' Ġunju 2022, sar rapport lil PC 1118 J.Bajada minn mart l-appellant, Karen Mangion, fejn dina stqarret li l-istess appellant kien qed jippermetti lit-tifel minuri tagħhom jsuq vettura tal-għamla BMW. Hija stqarret ukoll li l-appellant m'għandux liċenzja sabiex isuq pero' kien isuq xorta waħda, ħafna drabi vettura tal-għamla Renault Megane bin-numru ta' reġistrazzjoni GBM389. Mill-*PIRS Report,* jirriżulta li dakinhar stess, wara li sar dan ir-rapport, PC1118:-

> **"..... ħriġt minn naħa tas-CID (Triq V. Dimech) u qbadt tiela it-tela bil-mixi. Malli dort lejn il-Main Gate tad-Depot (fi Triq il-Konservatorju) l-Furjana rajt il-karozza GBM-389, Renault sewda ta' Emanuel Mangion. Hu kien ipparkjat quddiem id-Depot u hu kien qed isuq. Jien ma stajtx inwaqqfu għax kont warajh imma rajtu, leħaq irriversja u saq lejn in-nizla ta' Sa Maison, direzzjoni lejn l-Imsida. Ċert illi hu kien qed isuq ..."**

Illi, din il-verżjoni tal-fatti hija kkonfermata fl-affidavit tiegħu ukoll fejn jistqarr illi lill-appellant rah ħiereġ mid-Depot tal-Pulizija akkompanjat mit-tifel tiegħu, rah jirkeb fil-vettura, jirriversja u jsuq minn fuq il-post. Minn naħa tiegħu, l-appellant jinnega li kien hu li kien qed isuq iżda jgħid li kien sempliċiment passiġġier u li kienet oħt l-ex-mara tiegħu, Diane Ciantar, li kienet effettivament qed issuq il-vettura in kwistjoni.

Illi fl-atti, għalhekk, l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ verzjonijiet tal-fatti li huma dijametrikament opposti għal xulxin. Illi l-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali iħalli d-deċiżjoni dwar il-kredibbilta' tax-xhieda**, "fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."**

Illi, ukoll, meta l-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir

---

Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar[2].

Illi l-appellant jattakka l-verzjoni ta' PC 1118 u jgħid li mhuwiex qed jgħid is-sewwa. Minn naħa tiegħu PC1118 kemm fl-*affidavit* kif ukoll fil-*PIRS Report* eżebit in atti, jafferma iċ-ċertezza tiegħu illi kien proprju l-appellant li kien qed isuq u ħadd aktar. Issa għalkemm l-appellant jikkontesta dan il-fatt, madankollu ma jressaq ebda prova biex jipprova ixejjen dak dikjarat minn dan l-uffiċjal tal-pulizija. Per eżempju ma talabx biex l-imsemmi kuntistabbli 1118 jinġieb fil-qorti sabiex isirlu l-kontro-eżami, kif kellu dritt li jagħmel fit-termini ta'l-artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali. Jikkonsegwi li ġialadarba dan ma sarx, ai termini tas-sub-inċiż (2) ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, l-*affidavit* tal-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija ppreżentat mill-Prosekuzzjoni huwa kkunsidrat ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawn il-proċeduri bl-istess mod daqslikieku huwa xehed *viva voce* fil-Qorti. *In oltre*, dina l-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida 'il għala għandha tiddubita mill-kontenut ta' dan l-istess *affidavit* kif ukoll mill-verzjoni mogħtija mill-istess Kuntistabbli, iktar u iktar meta l-appellant lanqas iressaq lil persuna li huwa jafferma kienet qed issuq il-vettura dak in-nhar, u ċioe' lil Diane Ciantar, sabiex tikkorrobora l-verzjoni tiegħu.

Illi l-appellant kien misjub ħati mill-Ewwel Qorti li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBM 389 mingħajr ma l-użu minnu ta' dik il-vettura kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan fit-termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi s-sub-artikolu (1A) ta' l-istess artikolu, imbagħad jitfgħu il-piż tal-prova fuq l-persuna akkużata bir-reat sabiex tipprova illi kien hemm polza tal-assigurazzjoni fuq saqajha:–

> **(1A) <u>Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).</u> <u>(enfazi ta' dina l-Qorti)</u>**

[2] Artikolu 638(2).

Bl-artikolu 4(4) ta' l-istess Att jistabbilixxi illi:

> **Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta'assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.**

Illi, huwa evidenti minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm maħruġ favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-Artikolu 3 ċertifikat ta' l-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbilta' kriminali meta allura għandu jgib prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza **<u>favur tiegħu</u>**.

Illi, f'dawn il-proċeduri, l-appellant ma pproduċa l-ebda ċertifikat jew polza ta' assigurazzjoni jew dettalji dwar l-istess. *In oltre*, ġie ppruvat ampjament, fil-fehma ta' dina l-Qorti, li l-appellant ma kellux liċenzja tas-sewqan valida fil-mument li kien qed isuq il-vettura *de quo* u għaldaqstant, huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant a rigward, kif filfatt għamlet.

Illi huwa skorrett ukoll dak ventilat mill-appellant fit-tielet aggravju illi n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni illi tressaq bħala xhud lil sid il-vettura Jeatanne Mangion sabiex l-istess tixhed fir-rigward il-polza ta' assigurazzjoni tal-vettura *de quo,* kellha twassal għal liberatorja. Dan għaliex huwa ċar mid-diċitura adoperata fis-sub-artikolu 1A għall-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta illi dan il-piż tal-prova jaqa' fuq spallejn il-persuna mixlija bir-reat bil-kliem "**kemm-il darba <u>min jiġi akkużat</u> b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja"** ma jagħti lok għall-ebda interpretazzjoni oħra, kif suġġerit mill-appellant. Il-Prosekuzzjoni m'għandha l-ebda obbligu li tipproduċi tali ċertifikat hi jew inkella ittella' xi xhieda sabiex jipproduċu l-istess, billi għandha favur tagħha presunzjoni *juris tantum*. L-oneru tal-prova f'dan il-

każ jinqaleb fuq l-imputat u jirriżulta kjarament, kif ingħad, li fil-proċeduri odjerni, l-appellant naqas milli jipproduċi tali prova.

Għaldaqstant, l-ewwel u it-tielet aggravji tal-appellant qed jiġu respinti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju vventilat minnu, l-appellant jisħaq li huwa ma' seta qatt jinstab ħati tat-tieni mputazzjoni *una volta* ġie lliberat mill-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Illi qabel xejn huwa paċifiku illi z-zewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-appellant, huma separati u distinti minn xulxin, u jitkellmu fuq reati differenti, bl-ingredjenti tagħhom mhumiex relatati 'il waħda mal-oħra. Biss biss ir-reat imfassal fl-artikolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi, kif ingħad, presunzjoni *iuris tantum* ta' reita' li trid tingħeleb mill-persuna mixlija bil-kummissjoni tar-reat, haġa għal kollox nieqsa fir-reat imfassal taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta fejn allura l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-ħtija lil hinn minn kull dubbju, li fil-fehma tal-Ewwel Qorti, l-Prosekuzzjoni bil-provi miġjuba minnha ma irnexxilhiex tilħaq dan il-grad.

Issa l-Ewwel Qorti għaddiet biex tilllibera lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni, bl-Avukat Ġenerali ma jressaq ebda appell minn din il-parti tas-sentenza appellata, b'din il-Qorti għalhekk prekluża milli tissindika d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward ta' din il-liberatorja. Għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għandha tibda tgħodd mid-disgħa tal-għada fil-għodu.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**